MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 253/2004

**Costa Brava Co. Ltd.**

**vs**

**Misprint Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm1351.00) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-pagament effettiv;**
**Illi interpellata ghall-hlas il-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru, 2003.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-4 ta' mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm1351.00) bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Frar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------